# SERVIZZI FIL-KOMUNITA' GHAL PERSUNI B'DIZABILITÀ

Onorevoli Mr. Speaker, sinjuri. Insellmilkom.

Servizzi ta' kwalita' tajba li jinghataw fil-komunita` huma essenzjali biex persuni b'dizabilita' ikunu jistghu jgawdu minn kwalita' ta' hajja tajba. Meta nghid servizzi nkun qed nirreferi kemm ghal servizzi li jinghataw lil kulhadd u li ghandhom ikunu accessibli ghal kulhadd, kif ukoll ghal dawk is-servizzi individwalizzati li persuni b'dizabilita` ikollhom bzonn skond ic-cirkostanzi taghhom.

Il-lista ta' servizzi li ghandhom ikunu accessibli ghal kulhadd hi estensiva. Bizzejjed wiehed isemmi hwienet, banek, ufficini, servizz tat-trasport pubbliku fost ohrajn. Li dawn is-servizzi jkunu accessibli ghal kulhadd ma jfissirx biss li jkun hemm accessibilita' fizika, ghalkemm din hi xi haga importanti hafna ghal min ghandu nuqqas ta' mobilita', specjalment dawk li juzaw siggu tar-roti. Accessibilita' tas-servizz tfisser ukoll li l-informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' servizz partikolari ma tkunx f'forma miktuba biss. Din l-informazzjoni ghandha tkun ukoll rikordjata fuq tape ghal min ghandu nuqqas ta' dawl u ghal min ma jafx jaqra. Barra minn hekk, ghandu jkun hemm verzjoni semplici tal-informazzjoni, bl-istampi li jispjegaw aktar, ghal min ghandu nuqqas intelletwali. Jekk persuni b'nuqqas ta' smigh ikollhom bzonn interpretu tal-lingwa tas-sinjali, dawn ghandhom jithallew li jkunu akkumpanjati minn dan l-interpretu.

L-attitudni ta' min jaghti s-servizz hi importanti hafna wkoll. Xi kultant, persuni b'certi

dizabilitajiet, specjalment dawk intelletwali u min ghandu nuqqas ta’ sahha mentali, jistghu jgibu ruhhom b’mod li mhux tas-soltu. Barra minn hekk, xi kultant dawn il-persuni jsibuha difficli biex jifhmu mill-ewwel dak li jridu jaghmlu jew dak li jkun rikjest minnhom. Min jaghti servizz dejjem ghandu jiehu pacenzja b’dawk li jkollhom bzonn aktar hin minn haddiehor biex jifhmu u zgur li qatt m’ghandhom jghaddu biz-zmien lil min igib ruhu b’mod differenti. Dan forsi jghodd b’mod specjali ghas-servizzi tas-sahha, li wiehed jista’ jghid li huma l-aktar servizzi importanti ghal kulhadd.

Sfortunatament, l-accessibilita’ tas-servizzi kif spjegat hawn fuq mhix xi haga li se tigi jekk niddependu biss fuq il-qalb tajba ta’ haddiehor. Servizzi accessibli fil-komunita’ huma dritt ghal kulhadd u fejn dan id-dritt ma jigix rispettat tkun qed issir diskriminazzjoni kontra persuni b’dizabilita’. Jekk hemm bzonn il-Ligi Opportunitajiet Indaqs trid tigi infurzata fejn issir diskriminazzjoni.

Fil-bidu ta’ dan id-diskors semmejt ukoll il-bzonn li persuni b’dizabilita’ ikollhom ukoll servizzi li ghandhom bzonn minhabba c-cirkustanzi personali taghhom. Nghidu ahna, hawn persuni b’dizabilita’ fizika li jridu jibdew jghixu ghall-rashom. Sfortunatament dan mhux dejjem possibbli minhabba d-dizabilita’ taghhom.

Hu tajjeb li jkun hawn postijiet residenzjali ghall-dawk il-persuni li ghandom dizabilita’ intelletwali severa. Biss inhoss li hu importanti hafna li jkun hawn servizzi li jipprovdu ghajnuna lill-persuni b’dizabilita’ fizika ukoll. Jekk persuna b’dizabilita’ qed tghix wahedha fid-dar taghha stess, ghandha tinghata l-ghajnuna kollha mehtiega biex hi tkun tista tghix hajja normali kemm jista’ jkun. Mhux sewwa li nkomplu nserrhu rasna li hemm il-familjari jaghmlu tajjeb. Kull persuna ghandha d-dinjita’ taghha

u anke persuna b’dizabilita’ ghandha bzonn li jkollha l-hajja taghha personali, kif tixtieq hi.

Nahseb li wasal iz-zmien li jibda jinghata s-servizz ta’ Assistenza Personali. Dan hu servizz essenzjali ghall-persuni b’dizabilita’. Immaginaw persuna b’dizabilita’ fizika li dejjem kienet tghix mal-genituri taghha u dawn mietu jew ma jistghux jibqghu jiehdu hsiebha. F’daqqa wahda din il-persuna ssib ruhha wahedha. Tahsbu li tista’ tkompli tghix fil-komunita taghha? Hemm servizzi bizzejjed biex jghinuha? Ir-risposta nghatilkom jien stess, LE. Meta jigri hekk, jekk ma jkollokx xi hadd mil-familja tieghek li jkun lest li jissagrifika hajtu u jghinek, postok ma jkun imkien aktar jekk mhux f’xi sptar jew dar residenzjali. Zgur li din mhux l-idejali ghall-persuna li tkun ilha hajjitha kollha tghix f’darha.

Jekk isir sforz akbar u tinghata aktar attenzjoni lil din il-problema, zgur li jista’ jkun hawn futur ahjar ghall-persuni b’dizabilita’. Nerga’ intenni li ahna m’ahniex qed nitolbu karita imma qed insaqsu ghad-dritt li huma ta’ kulhadd u li issa wasal iz-zmien li jibdew igawdu minnhom anke l-persuni b’dizabilita’.